70 Sena Fostna
Sant'Anna, Wied il-Għajn
1947 - 2017

Novembru 2017 — Ħarġa 304

# Ħolqa Bejnietna

*Parroċċa Sant'Anna, Wied il-Għajn*

Maħruġ mill-Kunsill Pastorali Parrokkjali



*Il-Kelma tal-Kappillan*

## Alla jkellimna...

Alla qiegħed magħna u jkellimna. Il-vuċi tiegħu nisimgħuha fil-qari tal-Bibbja waqt il-liturġija tal-Quddiesa jew meta weħidna naqraw l-istess Bibbja. Ġesù, l-Iben t'Alla nnifsu sar bniedem u tkellem mal-bnedmin stess li kien jiltaqa' magħhom. Bi kliemu Ġesù jordnalna sabiex ikollna għarfien u rispett lejn il-qdusija ta' kull ħajja umana, ta' kull raġel u ta' kull mara, tal-foqra, tal-anzjani, tat-tfal, tal-morda, ta' dawk li għadhom ma twildux, tal-qiegħda, tal-imwarrbin u ta' dawk li jiġu ġġudikati bħala 'skart'. Ġesù jitlobna nitolbu flimkien għal xulxin biex it-talb tagħna jkun sinfoniku u joħloq vuċi waħda għal quddiem Alla.

**Il-Knisja bħala komunità**

Ġesù waqqaf il-Knisja fuq il-mudell tal-familja naturali biex fiha tidher il-ħajja, l-imħabba, il-ferħ u s-sagrifiċċji bejn il-membri. Il-ħafna familji jiffurmaw komunità li aħna bħala nsara nsejħulha parroċċa. Il-komunità parrokkjali meħtieġ li tisma' l-vuċi t'Alla u tal-membri tagħha biex tissaħħaħ fl-ispirtu nisrani. Għalhekk il-parroċċa torganizza l-assemblea parrokkjali biex tmidd passi fid-direzzjoni tal-Evanġelju għall-familji tagħha u l-komunità tal-istess raħal.

**L-Assemblea Parrokkjali**

Din l-assemblea parrokkjali ser issir nhar **it-Tlieta 7 u l-Ġimgħa 10 ta' Novembru 2017 wara l-quddiesa tas-6:00pm** biex il-familji u l-komunità ta' Wied il-Għajn ikomplu jippjanaw il-ħajja tal-Parroċċa għal din is-sena li ġejja. **Mistieden li jattendi kulħadd għax kull persuna għandha ideat u suġġerimenti x'toffri li żgur jolqtu l-ħajja tagħna.**

Ejjew inkunu parroċċa fejn il-vuċi t'Alla tinstema' mad-dawra kollha ta' Wied il-Għajn.

Kunu mberkin
Dun Roderick Camilleri
Kappillan

**IL-PARROĊĊA: FAMILJA TA' FAMILJI** AMORIS LAETITIA, 202

Assemblea Parrokkjali 2017

It-Tlieta 7 ta' Novembru
Il-Ġimgħa 10 ta' Novembru

**6:00 PM** Quddiesa

**6:45 PM** Laqgħa fis-Sala S. Anna

**KULĦADD HUWA MISTIEDEN.**



# Il-Ħsara u t-Tiswijiet fuq il-ponta tal-Kampnar

**Vince Centorrino**

Waqt maltempata qalila li ħakmet lil Malta, sajjetta laqtet il-kalamita (lightning conductor / strike termination devices) u l-parti ta' fuq tal-ponta (spire) tal-kampnar tal-knisja ta' Wied il-Għajn. Ftit taż-żmien ilu saret spezzjoni tal-kampnar.

Is-sajjetta għamlet ħsara kemm lill-kalamita li kien hemm mas-Salib ta' fuq kif ukoll fil-parti ta' fuq tal-ponta (spire) tal-kampnar. Għalhekk ittieħdet id-deċiżjoni li tinħatt il-ponta (spire) tal-kampnar u tinbena mil-ġdid u wkoll issir stallazzjoni ġdida u aktar moderna tas-sistema tal-'arresters' tas-sajjetti bl-aċċessorji u komponenti tagħhom. Ġie deċiż ukoll li l-ġebel tal-ponta (spire) u s-Salib ikunu tal-ġebel tal-'qawwi'.

*Il-ġebel ġdid tal-ponta u s-Salib ġie mbierek nhar is-Sibt 14 t'Ottubru 2017*




*Is-Sur Centorrino meta beda jinbena l-kampnar fl-1988*



*Il-ħsarat li ġarrab il-kampnar fil-parti ta' fuq*








**PRIVAT**

**Marsaskala**

**Pure Maths A/I Level**

**Physics Intermediate**

**Maths / Physics O-Level**

**TEL : 21641633**

**Mob.: 79796770**



*"Il-kontribut prinċipali lill-pastorali tal-familja toffrih il-parroċċa, li hi familja ta' familji,*



# Cherising our Last Precious Days

**Dr. Sara Portelli**

*If a person of sound mind who is terminally ill and in dreadful pain wishes to die, why is he not allowed to choose Euthanasia?*

Euthanasia is the termination of life by a doctor at the request of the patient. Professor Theo Boer, a Dutch ethicist, argued in favour of a "good euthanasia law" that would keep numbers low. He eventually stated "Now, with twelve years of experience, I take a very different view", as what has been a last resort became a normal procedure even for the aged, lonely or bereaved.

Euthanasia corrupts the doctor-patient relationship, and transforms tools of healing into techniques for killing. 'Mercy killing' in reality reflects a society that is killing mercy, undermining social solidarity and true compassion. Euthanasia betrays human dignity and equality before the law judging some lives as worth living, others not.

The hope of the Christian message has always been that something of infinite goodness is possible even in the darkest of hours. The hope of the Resurrection is the opposite of euthanasia: it is not a longing to reverse or escape from physical death but to comfort and accompany the dying, whilst relieving what might be called 'unnecessary suffering'.

**Effective palliative care allows patients to devote their attention to the unfinished business of their lives, to arrive to a sense of peace with God, with loved ones, and with themselves. We can help build a world in which love is stronger than death.**




## Tuition Courses

**Primary** – Mathematics, Maltese & English

**Secondary** – Form 1 – 5 / 'O' Level (Mathematics, Physics, English, Maltese, Italian, Biology & Chemistry)
Intermediate/Advanced – Pure Maths, Physics , Maltese, Italian & English.

**MCAST** – Maths & Physics

We Offer -
- Graduate and Experianced teachers
- Small Groups
- Four tuition centres : Marsaskala , Kalkara, Ħamrun & Birkirkara.

**TelNos** - 21660812 – 21472561 - 99458791

# Mill-Ħajja tal-Parroċċa - Novembru 2017

| | | |
|---|---|---|
| 1 | L-Erbgħa | **Solennità tal-Qaddisin Kollha** |
| 2 | Il-Ħamis | Tifkira Solenni tal-Mejtin Kollha. **Il-Quddies fil-Knisja Parrokkjali jkun fis-6:30am, 7:00am, 7:45am, fis-6:00pm, fis-6:45pm ħin ta' adorazzjoni u Quddiesa fis-7:30pm.** |
| 3 | Il-Ġimgħa | L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar. Fis-6:00pm quddiesa b'sufraġġju għall-erwieħ tas-saċerdoti mejtin u wara adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija. |
| 4 | Is-Sibt | Fl-10:30am laqgħa ta' Preparazzjoni tal-Magħmudija fis-Sala Sant'Anna. |
| **5** | **Il-Ħadd** | **It-31 Ħadd ta' Matul is-Sena.**<br>Fl-10:15am Quddiesa bis-Sagrament tal-Magħmudija.<br>Fis-1:15pm ħarġa għall-Familji organizzata mill-Kummissjoni Familja. |
| **7** | **It-Tlieta** | **Assemblea Parrokkjali – 1 Jum – Fis-6:00pm Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali u wara nkomplu fis-Sala Sant'Anna. Inħeġġu lil KULĦADD sabiex jattendi.** |
| **10** | **Il-Ġimgħa** | **Assemblea Parrokkjali – 2 Jum – Fis-6:00pm Quddiesa mill-Vigarju Episkopali għall-Kleru u l-Parroċċi tal-Knisja f'Malta Mons. Frans Abdilla u wara nkomplu fis-Sala Sant'Anna. Inħeġġu lil KULĦADD sabiex jattendi.** |
| **12** | **Il-Ħadd** | **It-32 Ħadd ta' Matul is-Sena.**<br>**Fid-9:15am quddiesa animata mit-tfal fl-okkażjoni tal-festa ta' San Martin. Inħeġġu lit-tfal jattendu sabiex jiltaqgħu ma' San Martin u ntellgħu xi *boroż ta' San Martin*.** |
| 13 | It-Tnejn | Billi matul din is-sena qed infakkru l-100 Sena mid-dehriet tal-Madonna ġewwa Fatima, wara l-quddiesa tas-7:00am nitolbu flimkien it-talba tar-Rużarju quddiem Ġesù Ewkaristija. |
| **19** | **Il-Ħadd** | **It-33 Ħadd ta' Matul is-Sena.**<br>Fit-8:00pm quddiesa għaż-żgħażagħ fil-Kappella tal-Madonna tar-Rużarju, fil-Villa Apap Bologna. |
| 21 | It-Tlieta | Fis-6.30pm ikollna l-'Lectio Divina' fis-Sala Sant'Anna u nispiċċaw fis-7.30pm.<br>Inħeġġiġkom sabiex iġġibu magħkom il-Bibbja. |
| 24 | Il-Ġimgħa | Fis-7:30pm *Healing Service* immexxi minn Dr John Bonniċi Mallia fil-Knisja Parrokkjali. |
| **26** | **Il-Ħadd** | **Solennità ta' Kristu Sultan tal-Ħolqien Kollu**<br>**Fid-9:15am Quddiesa imexxija minn Fr Mark Ciantar OFM fi tmiem is-Sena Liturġika u li fiha bħala Parroċċa nuru l-ġenerożità tagħna ma' Dar Frate Jacoba permezz ta' oġġetti tal-ikel.** |
| 27 | It-Tnejn | Adorazzjoni tal-Ħniena Divina wara l-quddiesa tas-6:30pm. |
| 28 | It-Tlieta | **Fl-4:30pm tberik tad-djar fi Triq il-Qaliet (mit-*traffic lights* sa Villa Sant'Anna)** |
| 29 | L-Erbgħa | **Fl-4:30pm tberik tad-djar fi Triq il-Qaliet (minn Triq il-Gardiel sat-*traffic lights*)** |
| 30 | Il-Ħamis | Fis-6:00pm quddiesa u tberik tal-Girlanda tal-Avvent għall-familjari u t-tfal li ser jirċievu s-Sagrament tal-Ewwel Tqarbina.<br>Fis-7:15pm laqgħa għall-ġenituri li wliedhom ser jirċievu s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof fil-Knisja Parrokkjali. |
| 1-3 | Diċembru | **Irtir tal-Avvent għall-Adoloxxenti u ż-Żgħażagħ fis-Seminarju tal-Virtù, ir-Rabat.** |